Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/2184(INI)

23.4.2026

EMENDI
1 - 80

Abbozz ta' rapport
Hristo Petrov
(PE785.214v01-00)

L-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta’ Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u s-sostituzzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta’ April 2013 dwar l-istabbiliment ta’ Garanzija għaż-Żgħażagħ
(2025/2184(INI))

Emenda 1
Niels Geuking, Pascal Arimont, Romana Tomc, David Casa, Isabelle Le Callennec, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-objettivi tal-politika soċjali stabbiliti fl-Artikoli 151 u 153 tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar is-sigurtà soċjali u l-benefiċċji,

Or. en

Emenda 2
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat u ffirmat mill-Kunsill, mill-Parlament u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017, b'mod partikolari l-Prinċipji 1, 3 u 4 tiegħu,	– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat u ffirmat mill-Kunsill, mill-Parlament u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017, b'mod partikolari l-Prinċipji 1, 3 u 4 tiegħu, ***u l-mira tiegħu li jnaqqas ir-rata tan-NEET b'9 % sal-2030,***

Or. en

Emenda 3
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat	– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat

u ffirmat mill-Kunsill, mill-Parlament u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017, b'mod partikolari l-Prinċipji 1, 3 u 4 tiegħu,	u ffirmat mill-Kunsill, mill-Parlament u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017, b'mod partikolari l-Prinċipji 1, 3 u 4 tiegħu, ***u l-mira tiegħu li jnaqqas ir-rata tan-NEET b'9 % sal-2030,***

Or. en

Emenda 4
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Artikoli 7 u 17 tal-Karta Soċjali Ewropea riveduta,

Or. en

Emenda 5
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-ħidma fost iż-żgħażagħ għall-appoġġ liż-żgħażagħ fl-iżvilupp ta' ħiliet essenzjali għall-ħajja li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni b'suċċess tagħhom għall-ħajja adulta, iċ-ċittadinanza attiva u l-ħajja tax-xogħol (2017/C 189/06),[2a]
	[2a] ĠU C 189, 15.6.2017, p. 30–34

Or. en

Emenda 6
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ (2019–2021) (2021/C 504 1/02),[2b]
	[2b] ĠU C 504I, 14.12.2021, p. 10–11

Or. en

Emenda 7
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-20 ta' Jannar 2026 bit-titolu "Unjoni tal-Ugwaljanza: Strateġija Kontra r-Razziżmu 2026-2030" (COM(2026)0012),[2c]
	[2c] COM/2026/12 final

Or. en

Emenda 8
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-FRA bit-titolu "Being Black in the EU — Experiences of people of African descent",[2d]
	[2d] https:l/fra.europa.eu/en/publication/2023/being-black-eu

Or. en

Emenda 9
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-FRA bit-titolu "Being Muslim in the EU – Experiences of Muslims",[2e]
	[2e] https://fra.europa.eu/en/publication/2024/being-muslim-eu

Or. en

Emenda 10
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-messaġġi ewlenin tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO), approvati mill-Kunsill fil-konfigurazzjoni EPSCO tiegħu fl-2016, l-2018, l-2019, l-

2021, l-2023, l-2025 u l-2026,

Or. en

Emenda 11
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari l-Għan 8, adottati mill-mexxejja dinjija f'Settembru 2015 u approvati mill-Kunsill,

Or. en

Emenda 12
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 17;

Or. en

Emenda 13
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

– wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, speċjalment l-Għan 8 - Jiġu promossi tkabbir ekonomiku sostnut, inklużiv u sostenibbli, impjieg sħiħ u produttiv u xogħol deċenti għal kulħadd,

Or. en

Emenda 14
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2026 dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea[1a],
	[1a] ĠU C, C/2026/1687.

Or. en

Emenda 15
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tal-5 ta' Frar 2021 dwar l-Appoġġ għall-Impjieg taż-Żgħażagħ: Pont għall-Impjiegi għall-Ġenerazzjoni li Jmiss - Tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ[2a],
	[2a] ĠU C 106, 26.3.2021, p. 7–11.

Or. en

Emenda 16
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-29 ta' Ottubru 2020 bit-titolu "Insaħħu l-Garanzija għaż-Żgħażagħ",

Or. en

Emenda 17
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-Eurofound tal-2024 bit-titolu "Becoming adults: Young people in a post-pandemic world"[3a],
	[3a] Eurofound (2024), Becoming adults: Young people in a post-pandemic world, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

Or. en

Emenda 18
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Eurofound tal-2024 bit-titolu "Young people in the Western Balkans"[4a],

[4a] Eurofound (2024), Young people in the Western Balkans, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

Or. en

Emenda 19
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tas-CEDEFOP tal-2023 bit-titolu "European guidelines for validating non-formal and informal learning"[5a],
	[5a] Cedefop (2023). European guidelines for validating non-formal and informal learning. Il-Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet. Serje ta' referenza tas-Cedefop; Nru 124. http://data.europa.eu/doi/10.2801/389827.

Or. en

Emenda 20
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ tal-2025 bit-titolu "Outreach to Young

	People not in Employment, Education or Training: A practical Manual for Outreach"[6a],
	[6a] Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (2025), Outreach to Young People not in Employment, Education of Training: A practical Manual for Outreach, Turin, l-Italja.

Or. en

Emenda 21
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tas-CEDEFOP tal-2026 bit-titolu "An EU reference framework for lifelong guidance: 18 guidelines for policy and system development"[7a],
	[7a] Cedefop. (2026). An EU reference framework for lifelong guidance. 18 guidelines for policy and systems development. Serje ta' referenza tas-Cedefop, 125. Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. DOI: 10.2801/8255414.

Or. en

Emenda 22
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

— wara li kkunsidra l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni Ewropea tat-18 ta' Diċembru 2025 bit-titolu "The implementation of the reinforced Youth Guarantee — Trends in EU Member States, impact, EU funding and governance" ***(L-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa — Xejriet fl-Istati Membri tal-UE**, **l-impatt, il-finanzjament tal-UE u l-governanza)*** ippubblikata mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew,	– wara li kkunsidra l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni Ewropea tat-18 ta' Diċembru 2025 bit-titolu "The implementation of the reinforced Youth Guarantee **-** Trends in EU Member States, impact, EU funding and governance", ippubblikata mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew[8a],
	8a ***https://www.europarl.europa.eu/thinktank/en/document/EPRS_STU(2025)774714.***
	Or. en

Emenda 23
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 18a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-istudju ppubblikat mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni f'Ġunju 2022 bit-titolu "The local implementation of the Reinforced Youth Guarantee",
	Or. en

Emenda 24
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 18b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-position paper tal-European Youth Forum tat-13 ta'

Marzu 2025 bit-titolu "Youth Guarantee: How to support young people finding a pathway",

Or. en

Emenda 25
Niels Geuking, Pascal Arimont, Romana Tomc, David Casa, Isabelle Le Callennec, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 19a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Novembru 2023 bit-titolu "It-tnaqqis tal-inugwaljanzi u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali fi żminijiet ta' kriżi għat-tfal u l-familji tagħhom"[1a],
	[1a] https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/4211/oj/eng

Or. en

Emenda 26
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 19a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Frar 2022 dwar it-tisħiħ tal-pożizzjoni taż-żgħażagħ Ewropej: l-impjiegi u l-irkupru soċjali wara l-pandemija[9a],
	[9a] ĠU C 342, 6.9.2022, p. 265-275.

Or. en

Emenda 27
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 19b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2025 dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus wara l-2027[10a],
	[10a] ĠU C, C/2025/3146.

Or. en

Emenda 28
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 19c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Novembru 2025 dwar l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà wara l-2024,

Or. en

Emenda 29
Marie Dauchy, Séverine Werbrouck, Mélanie Disdier, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ (RYG) imsaħħa hija impenn li sar mill-Istati Membri ***liż-żgħażagħ*** taħt l-età ta' 30 sena biex joffrulhom impjieg ta' kwalità	A. billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ (RYG) imsaħħa hija impenn li sar mill-Istati Membri ***liċ-ċittadini żgħażagħ*** taħt l-età ta' 30 sena biex joffrulhom***, fit-teorija,***

tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew opportunità ta' traineeship fi żmien erba' xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jitilqu mill-edukazzjoni;	impjieg ta' kwalità tajba,edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew opportunità ta' traineeship fi żmien erba' xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jitilqu mill-edukazzjoni***, billi fil-prattika dan l-impenn sab quddiemu ostakli u rriżulta illużjoni burokratika, billi aktar minn nofs iż-żgħażagħ tal-Unjoni għadu jistenna offerta wara dak il-perjodu ta' żmien***;

Or. fr

Emenda 30
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ ***(RYG)*** imsaħħa hija impenn li sar mill-Istati Membri liż-żgħażagħ taħt l-età ta' 30 sena biex joffrulhom impjieg ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew opportunità ta' traineeship fi żmien erba' xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jitilqu mill-edukazzjoni;	A. billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa ***(RYG)*** hija impenn li sar mill-Istati Membri liż-żgħażagħ taħt l-età ta' 30 sena biex joffrulhom impjieg ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew opportunità ta' traineeship fi żmien erba' xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jitilqu mill-edukazzjoni; ***billi sa mit-twaqqif tagħha fl-2013, madwar 60 miljun żagħżugħ u żagħżugħa Ewropej bdew offerta taħt l-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ;***

Or. en

Emenda 31
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ (***RYG) imsaħħa*** hija impenn li sar mill-	A. billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ (***YG) ġiet stabbilita fl-2013 u msaħħa fl-***

Istati Membri liż-żgħażagħ taħt l-età ta' 30 sena biex joffrulhom impjieg ta' kwalità ***tajba***, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew opportunità ta' traineeship fi żmien erba' xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jitilqu mill-edukazzjoni;	***2020 (RYG); billi din*** hija impenn li sar mill-Istati Membri liż-żgħażagħ taħt l-età ta' 30 sena biex joffrulhom impjieg ta' kwalità, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew opportunità ta' traineeship fi żmien erba' xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jitilqu mill-edukazzjoni;

Or. en

Emenda 32
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-objettiv tar-RYG huwa l-ġlieda kontra l-qgħad, l-inattività u sottoimpjieg fost iż-żgħażagħ, u appoġġ għall-integrazzjoni sostenibbli taż-żgħażagħ f'edukazzjoni, taħriġ u suq tax-xogħol ta' kwalità; billi l-għanijiet tar-RYG jirriflettu l-prijoritajiet politiċi kondiviżi tal-Parlament Ewropew, tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali, li jikkontribwixxu għall-objettiv tal-Unjoni ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli u għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; billi l-problemi persistenti u l-isfidi ġodda li qed jevolvu malajr għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ jirrikjedu li dawn il-prijoritajiet jinżammu lil hinn mill-perjodu ta' programmazzjoni attwali;

Or. en

Emenda 33
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-Istati Membri ġeneralment żammew impenn politiku qawwi għall-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħhom; billi saru sforzi partikolari biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' appoġġ għan-NEETs u l-eżerċizzji ta' apprendiment reċiproku permezz ta' laqgħat tal-koordinaturi nazzjonali fil-livell tal-UE jew lil hinn minnha;

Or. en

Emenda 34
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi r-riċerka tal-Eurofound tenfasizza li l-popolazzjoni tan-NEETs hija eteroġena ħafna u tikkonsisti f'sottogruppi distinti, li kull wieħed minnhom jiffaċċja ostakli u ħtiġijiet strutturali uniċi li jipprevjenu l-integrazzjoni b'suċċess tagħhom fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 35
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' tali miżuri għandhom jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-kompetenzi tal-Istati Membri fl-oqsma tal-politiki tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tal-impjiegi;

Or. en

Emenda 36
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi r-rata ta' NEET fl-UE reġgħet qabdet ix-xejra 'l isfel tagħha wara l-perjodu ta' wara l-pandemija; billi l-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jinkludi l-mira li sal-2030 ir-rata tan-NEETs titnaqqas għal 9 % fost dawk ta' età bejn il-15 u d-29 sena; billi dan l-objettiv jinsab fit-triq it-tajba biex jintlaħaq, minkejja disparitajiet sinifikanti bejn l-Istati Membri u r-reġjuni[11a], u billi l-ilħuq ta' din il-mira xorta jħalli għadd sinifikanti ta' żgħażagħ f'sitwazzjonijiet prekarji;
	11a https://doi.org/10.2908/LFSI_NEET_Q.

Or. en

Emenda 37
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi ż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) jikkostitwixxu grupp varjat ta' żgħażagħ b'esperjenzi ta' ħajja differenti; billi r-riċerka tal-Eurofound[1a] tenfasizza li l-popolazzjoni tan-NEETs hija eteroġena ħafna u tikkonsisti minn sottogruppi distinti, li kull wieħed minnhom jiffaċċja ostakli strutturali uniċi li jipprevjenu l-integrazzjoni b'suċċess tagħhom fis-suq tax-xogħol, u għalhekk jirrikjedu appoġġ imfassal apposta u personalizzat biex jintlaħqu l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom;
	[1a] Eurofound, "Exploring the diversity of NEETs", Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2016.
	Or. en

Emenda 38
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ac (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ac. billi l-implimentazzjoni u t-titjib tar-RYG iridu jagħtu attenzjoni partikolari lin-NEETs f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u lil dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, li spiss ikun diffiċli li jintlaħqu; billi dan jinkludi nisa, persuni minn sfondi etniċi differenti, komunitajiet Rom u Vjaġġaturi, żgħażagħ mingħajr dar, żgħażagħ li telqu mill-kura istituzzjonali, individwi LGBTQIA +, żgħażagħ bi status ta' migrant jew rifuġjat, żgħażagħ b'diżabbiltà, żgħażagħ li jiffaċċjaw diskriminazzjoni abbażi ta' reliġjon jew twemmin, żgħażagħ li jiffaċċjaw mard kroniku jew dipendenza,

ġenituri żgħażagħ kif ukoll żgħażagħ bi jaqdu r-rwol ta' carers informali; billi trid issir distinzjoni ċara bejn in-NEETs li huma esklużi b'mod involontarju mill-edukazzjoni, l-impjieg jew it-taħriġ u dawk li huma inattivi b'mod volontarju;

Or. en

Emenda 39
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ac (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ac. billi hemm differenza persistenti bejn il-ġeneri fost in-NEETs, fejn ir-rata tan-NEETs fost in-nisa żgħażagħ taqbeż b'mod konsistenti dik tal-irġiel żgħażagħ fl-UE[12a]; billi din is-sitwazzjoni tista' tiġi spjegata parzjalment mid-distribuzzjoni inugwali tar-responsabbiltajiet tal-indukrar tat-tfal u min-normi soċjali;
	[12a] https://www.eurofound.europa.eu/en/surveys-and-data/data-catalogue/neet-rates-gender-15-29-age-group.

Or. en

Emenda 40
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ad (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ad. billi l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol tan-NEETs saret dejjem aktar kumplessa, xprunata minn fatturi bħat-

tkabbir tal-ekonomija tal-gigs u ż-żieda ta' forom prekarji u mhux standard ta' impjieg, iż-żieda fl-intelliġenza artifiċjali u d-diġitalizzazzjoni, u l-kriżi tal-għoli tal-ħajja, inkluża ż-żieda fil-kostijiet tal-akkomodazzjoni; billi dawn l-iżviluppi joħolqu ostakli strutturali għall-impjiegi sostenibbli u jiggravaw l-inugwaljanzi li jħallu lura lin-NEETs vulnerabbli; billi l-implimentazzjoni tar-RYG trid tiġi riformata u msaħħa biex twieġeb b'mod effettiv għal dawn l-isfidi u tagħti prijorità lin-NEETs l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 41
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ad (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ad. billi r-Rom huma l-grupp bl-ogħla rata ta' NEETs fl-UE, rata ta' 47 % għal dawk ta' età bejn is-16-il sena u l-24 sena, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 9 % għall-istess grupp ta' età[13a]; billi l-ebda Stat Membru minn dawk mistħarrġa mhuwa qrib li jilħaq il-miri stabbiliti fil-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom[14a], u billi mingħajr approċċ immirat u strateġiku mill-Istati Membri, l-UE tirriskja li tħalli ġenerazzjoni ta' żgħażagħ Rom u Vjaġġaturi f'riskju ta' esklużjoni mill-edukazzjoni, mit-taħriġ u mis-suq tax-xogħol;

[13a] Id-drittijiet tar-Rom u tal-Vjaġġaturi fi 13-il pajjiż Ewropew — Perspettivi mill-Istħarriġ dwar ir-Rom 2024, Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), 2 ta' Ottubru 2025.

[14a] Kummissjoni Ewropea. (7 ta' Ottubru 2020). Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom

għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni għall-2020–2030 (COM(2020) 620 final). https://commission.europa.eu/document/download/99cc0720-68c2-4300-854f-592bf21dceaf_en?filename=eu_roma_strategic_framework_for_equality_inclusion_and_participation_for_2020_-_2030.pdf.

Or. en

Emenda 42
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ae (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ae. billi t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol saret itwal, anqas lineari u dejjem aktar insigura għaż-żgħażagħ, u ħafna minnhom jiċċaqalqu bejn impjieg, qgħad u inattività jew jinqabdu f'forom ta' xogħol mhux standard; billi r-RYG ma adattatx biżżejjed għal dawn il-perkorsi frammentati u għadha tiddependi fuq miżuri riġidi u ta' darba; billi l-integrazzjoni effettiva fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari għan-NEETs vulnerabbli, tirrikjedi appoġġ flessibbli, personalizzat u fit-tul;

Or. en

Emenda 43
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ae (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ae. billi, skont l-Istħarriġ dwar ir-Rom

fl-2021 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, 19 % tan-nisa Rom qatt ma attendew l-iskola meta mqabbla ma' 14 % tal-irġiel Rom, u 23 % biss tan-nisa Rom jibqgħu fl-edukazzjoni wara l-età ta' 16-il sena meta mqabbla ma' 32 % tal-irġiel Rom[15a]; billi data diżaggregata skont il-ġeneru turi li, bħala medja, 61 % tan-nisa Rom u Vjaġġaturi żgħażagħ huma NEET, meta mqabbla ma' 33 % tal-irġiel Rom żgħażagħ[16a];

[15a] Kunsill tal-Ewropa. (2025). L-ugwaljanza tan-nisa u tal-bniet Rom u Vjaġġaturi (Ref. 094724GBR). Kunsill tal-Ewropa. https://edoc.coe.int/en/roma-and-travellers/12078-equality-of-roma-and-traveller-women-and-girls.html; Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali. (2020). Roma and Travellers in six countries: Roma and Travellers survey (Rapport tal-FRA). Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. https://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/fra-2020-roma-travellers-six-countries_en.pdf.

[16a] Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali. (2025). Rights of Roma and Travellers in 13 European countries – Perspectives from the Roma Survey 2024. FRA. https://fra.europa.eu/en/publication/2025/roma-survey-2024.

Or. en

Emenda 44
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Af (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

Af. billi ż-żgħażagħ huma esposti b'mod sproporzjonat għal xogħol bi ħlas baxx[1a] kif ukoll forom prekarji u mhux standard ta' impjieg, inkluż kuntratti b'terminu fiss, kuntratti ta' żero sigħat u impjieg indipendenti fittizju[1b]; billi spiss ma jkollhomx aċċess għal protezzjoni adegwata tal-impjiegi u benefiċċji soċjali; billi ż-żgħażagħ huma wkoll f'riskju ogħla ta' spostament tal-impjiegi minħabba l-awtomatizzazzjoni; billi tali kundizzjonijiet jipprovdu sigurtà finanzjarja limitata u jimminaw il-perkorsi għall-integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol; billi dan jaffettwa b'mod partikolari lin-NEETs vulnerabbli li huma kkonċentrati b'mod sproporzjonat f'impjiegi b'livell baxx ta' ħiliet u ta' kwalità baxxa; billi r-RYG trid tindirizza b'mod attiv il-prekarjetà u l-pagi baxxi u tiffoka fuq l-impjieg bi ħlas aktar milli fuq il-volontarjat;

[1a] Eurostat, "Proportion of low-paid workers in EU countries", 2022

[1b] Eurostat, "Young people on the labour market — statistics", 2018

Or. en

Emenda 45
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Af (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Af. billi dawk li jitilqu mill-kura huma grupp partikolarment f'riskju ta' status ta' NEET, iżda minħabba data affidabbli insuffiċjenti, l-għadd tagħhom fil-livell tal-UE għadu mhux ċar, kif ukoll il-miżuri ta' sensibilizzazzjoni fis-seħħ biex jappoġġjawhom u l-opportunitajiet disponibbli għalihom wara li jitilqu mill-kura; billi ż-żgħażagħ li jitilqu mill-kura

istituzzjonali spiss jiffaċċjaw tranżizzjonijiet mil-lum għall-għada lejn l-indipendenza mingħajr kontinwità edukattiva adegwata, stabbiltà tal-akkomodazzjoni, jew gwida professjonali, u dan iżid ir-riskju tagħhom ta' qgħad, faqar u esklużjoni soċjali; billi l-implimentazzjoni msaħħa tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ tista' tindirizza dawn il-lakuni fit-tranżizzjoni permezz ta' mekkaniżmi ta' appoġġ imfassla apposta;

Or. en

Emenda 46
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ag (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ag. billi s-sottoimpjieg taż-żgħażagħ qed jiżdied, u l-impjieg part-time fost iż-żgħażagħ huwa ogħla b'mod sinifikanti minn dak tal-popolazzjoni ġenerali li taħdem[1a]; billi din id-disparità hija evidenti aktar fost in-nisa żgħażagħ; billi proporzjon għoli ta' arranġamenti ta' xogħol part-time huma involontarji, u dan jirrifletti falliment strutturali tas-suq tax-xogħol li jipprovdi opportunitajiet full-time adegwati; billi x-xogħol part-time involontarju jimmina l-potenzjal tal-qligħ, il-progress fil-karriera, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u d-drittijiet tal-pensjoni;
	[1a] Eurostat, "Impjiegi part-time u full-time — statistika", 2025

Or. en

Emenda 47

Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ag (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ag. billi l-preġudizzju, l-istigma u l-istereotipi persistenti jistgħu jillimitaw l-aċċess għal traineeships u apprendistati ta' żgħażagħ minn sfondi ta' kura istituzzjonali, żgħażagħ b'diżabbiltà fiżika jew ta' żvilupp intellettwali, u għaż-żgħażagħ Rom; billi l-indirizzar ta' tali ostakli u l-promozzjoni ta' prattiki ta' reklutaġġ inklużivi huma essenzjali biex jiġi żgurat aċċess ugwali għal esperjenzi tal-ewwel xogħol ta' kwalità;

Or. en

Emenda 48
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ah (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ah. billi l-perkorsi tradizzjonali mill-edukazzjoni għall-impjieg qed jonqsu minħabba nuqqas strutturali ta' impjiegi ta' kwalità fil-livell tad-dħul; billi ħafna żgħażagħ, minkejja li għandhom livell għoli ta' edukazzjoni u ħiliet, isibuha diffiċli biex isarrfu l-kwalifiki tagħhom f'impjieg stabbli; billi r-rata ta' impjieg għall-gradwati reċenti qed tonqos[1a] u l-għadd ta' żgħażagħ f'okkupazzjonijiet ferm taħt il-livell tal-kwalifiki tagħhom qed jikber[1b]; billi dan joħloq effett ta' spostament li jkompli jillimita l-opportunitajiet għal NEETs vulnerabbli li ma għandhomx kwalifiki; billi l-ostakli dejjem akbar għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ jimminaw il-koeżjoni soċjali u l-fiduċja istituzzjonali;

[1a] Eurostat, "Employment rates of recent graduates", 2025

[1b] Eurostat, "Young people — qualifications, skills and job align", 2025

Or. en

Emenda 49
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ai (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ai. billi kważi wieħed minn kull erba' żgħażagħ fl-Unjoni kienu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali fl-2024, rata li hija 3,1 punti perċentwali ogħla minn dik tal-popolazzjoni totali[1a]; billi l-inugwaljanzi strutturali, bħall-privazzjoni materjali u l-iżvantaġġ soċjali persistenti, jimminaw il-kapaċità ta' aċċess għas-suq tax-xogħol u ta' għajxien indipendenti; billi l-attivazzjoni tal-impjiegi ma tistax tinkiseb mingħajr aċċess għal kundizzjonijiet abilitanti bażiċi bħall-akkomodazzjoni, it-trasport, l-indukrar tat-tfal u l-appoġġ għall-kura; billi l-integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol tirrikjedi approċċ olistiku li jindirizza kwalunkwe ostaklu persistenti;

[1a] Eurostat, "Young people — social inclusion", 2025

Or. en

Emenda 50
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aj (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aj. billi n-NEETs vulnerabbli jaf ma jkollhomx ħiliet ta' litteriżmu, numeriżmu u diġitali funzjonali meħtieġa biex ikollhom aċċess għal edukazzjoni, taħriġ jew suq tax-xogħol ta' kwalità; billi r-RYG spiss tqis li tali ħiliet ikunu diġà koperti, u b'hekk tillimita l-kapaċità tan-NEETs vulnerabbli li jaċċessaw u jibbenefikaw minn miżuri ta' impjieg u taħriġ;

Or. en

Emenda 51
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ak (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ak. billi l-prestazzjoni taż-żgħażagħ fil-qari, fil-matematika u fix-xjenza madwar l-Unjoni qed tonqos, u dawk minn sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati għandhom probabbiltà li ma jiksbux riżultati sufiċjenti aktar minn sitt darbiet akbar mill-pari tagħhom[1a]; billi r-RYG trid tikkunsidra b'mod attiv dawn ix-xejriet inkwetanti biex tipprevjeni l-approfondiment tad-distakki soċjali u tiżgura aċċess ugwali għall-edukazzjoni u opportunitajiet ta' impjieg futuri;
	[1a] Kummissjoni Ewropea, Il-Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2024

Or. en

Emenda 52
Marie Dauchy, Séverine Werbrouck, Mélanie Disdier, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi huwa ***diffiċli*** li tiġi stabbilita rabta kawżali diretta bejn l-implimentazzjoni tal-RYG u r-riżultati osservati f'termini ta' tnaqqis fir-rata tan-NEET u l-qgħad fost iż-żgħażagħ;	B. billi huwa ***impossibbli*** li tiġi stabbilita rabta kawżali diretta bejn l-implimentazzjoni tal-RYG u r-riżultati osservati f'termini ta' tnaqqis fir-rata tan-NEET u l-qgħad fost iż-żgħażagħ***, u dan juri l-ineffikaċja strutturali tal-inġinerija soċjali Ewropea***; ***billi l-ħolqien tal-impjiegi għaż-żgħażagħ ma jiddependix minn direttivi ċentralizzati, iżda qabel kollox mis-sovranità fiskali tal-Istati Membri, minn ekonomija nazzjonali b'saħħitha u mill-kompetittività tal-SMEs;***

Or. fr

Emenda 53
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi huwa diffiċli li tiġi stabbilita rabta kawżali diretta bejn l-implimentazzjoni ***tal-RYG*** u r-riżultati osservati f'termini ta' tnaqqis fir-rata tan-NEET u l-qgħad fost iż-żgħażagħ;	B. billi huwa diffiċli li tiġi stabbilita rabta kawżali diretta bejn l-implimentazzjoni ***tar-RYG*** u r-riżultati osservati f'termini ta' tnaqqis fir-rata tan-NEET u l-qgħad fost iż-żgħażagħ; ***dan jenfasizza l-ħtieġa ta' enfasi aktar b'saħħitha fuq eżiti tanġibbli għaż-żgħażagħ, allinjament aħjar mal-ħtiġijiet nazzjonali tas-suq tax-xogħol u sinerġiji aktar mill-qrib mal-programmi tal-Unjoni bħall-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;***

Or. en

Emenda 54
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi huwa diffiċli li tiġi stabbilita rabta kawżali diretta bejn l-implimentazzjoni ***tal-RYG*** u r-riżultati osservati f'termini ta' tnaqqis fir-rata ***tan-NEET*** u l-qgħad fost iż-żgħażagħ;	B. billi huwa diffiċli li tiġi stabbilita rabta kawżali diretta bejn l-implimentazzjoni ***tar-RYG*** u r-riżultati osservati f'termini ta' tnaqqis fir-rata ***tan-NEETs*** u l-qgħad fost iż-żgħażagħ***, b'mod partikolari meta l-iskemi tar-RYG ikunu inkorporati f'politiki nazzjonali usa'***;

Or. en

Emenda 55
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi d-data Ewropea turi li l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali inizjali (IVET) li jħaddnu komponent qawwi ta' tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol (work-based learning) jikkostitwixxu l-istrument l-aktar effikaċi ta' prevenzjoni tal-kundizzjonijiet NEET, b'rati ta' impjiegi li jilħqu 90,5 % għaż-żgħażagħ li jlestu perkorsi b'mill-anqas seba' xhur tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol, meta mqabbel ma' 69,7 % għal dawk li ma kellhomx aċċess għal dawn il-perkorsi; billi s-sistemi doppji ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, permezz tal-alternanza strutturata bejn il-kuntest skolastiku u dak tax-xogħol, jipproduċu ħiliet kummerċjabbli u jnaqqsu strutturalment id-distakk bejn id-domanda u l-offerta tal-impjiegi; billi l-Istati Membri li għandhom sistemi ta'

edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali doppji għandhom ir-rati ta' qgħad fost iż-żgħażagħ l-aktar baxxi tal-Unjoni Ewropea;

Or. it

Emenda 56
Niels Geuking, Romana Tomc, David Casa, Isabelle Le Callennec, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-implimentazzjoni effettiva tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa tirrikjedi miżuri mmirati, integrati u sensittivi għall-familja, b'mod partikolari għall-ġenituri żgħażagħ, li jikkombinaw l-appoġġ għall-impjiegi mal-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, l-indukrar tat-tfal, is-servizzi soċjali u, meta xieraq, appoġġ adegwat għall-introjtu, sabiex tiġi żgurata integrazzjoni dejjiema fis-suq tax-xogħol, tiġi evitata l-esklużjoni fit-tul, tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jiġi appoġġjat bilanċ sostenibbli bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;

Or. en

Emenda 57
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-evidenza mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri tindika li politiki taż-żgħażagħ iffinanzjati tajjeb, inklużivi u bbażati fuq id-drittijiet — inkluża r-RYG

— jikkontribwixxu b'mod pożittiv għat-titjib tal-aċċess taż-żgħażagħ għal impjiegi, edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità; billi monitoraġġ aktar b'saħħtu, ġbir ta' data diżaggregata u valutazzjoni tal-impatt huma essenzjali biex jiġu identifikati bis-sħiħ l-eżiti tagħha, b'mod partikolari għall-gruppi vulnerabbli u emarġinati;

Or. en

Emenda 58
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi hemm mudelli għall-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ kważi daqs kemm hemm Stati Membri; billi l-arranġamenti istituzzjonali għall-implimentazzjoni tagħha jvarjaw mill-integrazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ fis-sistemi nazzjonali eżistenti għall-ħolqien ta' mudell nazzjonali separat; billi l-arranġamenti ta' governanza jvarjaw ukoll bejn mudelli ċentralizzati kkoordinati fil-livell nazzjonali u mudelli kompletament deċentralizzati fil-livell lokali;

Or. en

Emenda 59
Martine Kemp, Regina Doherty, Liesbet Sommen, Niels Geuking

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar

approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali tirrikonoxxi l-mikrokredenzjali bħala għodda ewlenija għal perkorsi ta' apprendiment flessibbli, inklużivi u mmirati, li jippermettu lill-individwi jiksbu, jaġġornaw u jiċċertifikaw il-ħiliet tagħhom b'mod modulari, b'mod partikolari b'rispons għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali;

Or. en

Emenda 60
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-investiment fiż-żgħażagħ permezz tar-RYG jikkostitwixxi investiment fil-futur tal-Unjoni, li jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali u l-ġustizzja u s-solidarjetà interġenerazzjonali, inaqqas il-faqar u l-esklużjoni soċjali, u jikkontribwixxi għal forza tax-xogħol reżiljenti u ekonomija kompetittiva;

Or. en

Emenda 61
Lara Magoni, Elena Donazzan, Marlena Maląg, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-effettività tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa tiddependi mill-użu trasparenti u effiċjenti tal-fondi tal-UE u dawk nazzjonali, kif ukoll minn

sistemi robusti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni li jkunu kapaċi jkejlu l-eżiti tal-impjiegi fit-tul għall-benefiċjarji żgħażagħ;

Or. en

Emenda 62
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-qgħad u x-xogħol prekarju taż-żgħażagħ huma marbutin direttament mal-inugwaljanzi strutturali, l-awsterità, id-deregolamentazzjoni tas-swieq tax-xogħol u mas-sottofinanzjament tas-servizzi pubbliċi;

Or. el

Emenda 63
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi maġġoranza ċara tal-Istati Membri jiddependu fuq strateġija ta' impjieg l-ewwel, filwaqt li oħrajn jipprijoritizzaw approċċ iffukat fuq it-taħriġ; billi fl-2024, 35,2 % tal-ħruġ pożittiv u f'waqtu mill-fażi preparatorja tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ wassal għall-impjiegi, 6,5 % għall-edukazzjoni, 2,5 % għat-traineeships u 1,6 % għall-apprendistati[17a];
	[17a] Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u

l-Inklużjoni, "Data table on Youth Guarantee Direct indicators", Frar 2026.

Or. en

Emenda 64
Aodhán Ó Ríordáin, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi l-Eurofound tistma li d-diżimpenn taż-żgħażagħ u n-nuqqas ta' integrazzjoni tan-NEETs fis-suq tax-xogħol jiswew lill-Unjoni kważi EUR 100 biljun fis-sena[1a], u dan jenfasizza l-imperattiv ekonomiku u soċjali urġenti liex jiġi żgurat it-tisħiħ effettiv tar-RYG;
	[1a] Eurofound, 'Employment and social developments in Europe', 2025

Or. en

Emenda 65
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi l-FSE+ kien l-istrument ewlieni għall-finanzjament tar-RYG għall-perjodu 2021–2027; billi l-awtoritajiet maniġerjali jeħtieġ li jtejbu l-kapaċitajiet ta' assorbiment tagħhom, speċjalment f'żoni remoti;

Or. en

Emenda 66
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi perċentwal kbir ta' żgħażagħ jaħdem f'impjiegi temporanji, bi ħlas baxx u prekarji, mingħajr drittijiet tax-xogħol u soċjali sħaħ;

Or. el

Emenda 67
Niels Geuking, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi ż-żgħażagħ huma dejjem aktar meħtieġa juru flessibbiltà u mobbiltà ġeografika fl-edukazzjoni, fit-taħriġ u fil-karrieri professjonali tagħhom;

Or. en

Emenda 68
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bc. billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ ma tistax tieħu post id-dritt għal impjieg stabbli bi drittijiet sħaħ, jew tillegalizza l-proliferazzjoni tax-xogħol mhux imħallas jew bi ħlas baxx permezz ta'

"traineeships" u "apprendistat";

Or. el

Emenda 69
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bc. billi n-NEETs inattivi u vulnerabbli ħafna drabi jitħallew barra mill-inizjattivi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ peress li prinċipalment jibbenefikaw minnha żgħażagħ li jkunu aktar qrib is-suq tax-xogħol, effett magħruf ukoll bħala "creaming effect", li jissopravaluta l-impatt reali tar-RYG fuq il-popolazzjoni ġenerali tan-NEETs;

Or. en

Emenda 70
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bc. billi l-kompetittività tal-Unjoni tiddependi wkoll fuq il-ħiliet tal-forza tax-xogħol tagħha u l-kapaċità tagħha li tattiva l-popolazzjoni taż-żgħażagħ fl-età tax-xogħol sabiex tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet;

Or. en

Emenda 71

Niels Geuking, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bc. billi l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli, adegwata u ta' kwalità huwa prekundizzjoni għal parteċipazzjoni b'suċċess fl-edukazzjoni, fl-apprendistati, fit-traineeships u fl-impjiegi;

Or. en

Emenda 72
Hristo Petrov, Irena Joveva, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bd. billi għad hemm ostakli istituzzjonali u strutturali għall-operazzjonalizzazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-implimentazzjoni prattika tagħha fl-Istati Membri u fil-livell lokali, bħal ostakli għall-kondiviżjoni tad-data bejn is-servizzi, id-diskrepanza bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ provduti u s-suq tax-xogħol, kif ukoll l-iżvantaġġi soċjoekonomiċi li jiffaċċjaw il-gruppi vulnerabbli;

Or. en

Emenda 73
Niels Geuking, Maravillas Abadía Jover, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bd. billi l-effettività tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ għandha titkejjel mhux biss mid-dħul immedjat taż-żgħażagħ fl-impjieg, fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ, iżda mill-kwalità, mis-sostenibbiltà u mill-prospetti ta' karriera fit-tul ta' tali opportunitajiet;

Or. en

Emenda 74
Gordan Bosanac
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bd. billi huwa aktar probabbli li ż-żgħażagħ minn minoranzi etniċi, razzjali jew reliġjużi jsibu ruħhom f'sitwazzjoni ta' spariġġ bejn il-ħiliet tagħhom u l-impjieg tagħhom;

Or. en

Emenda 75
Niels Geuking, Maravillas Abadía Jover, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Be (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Be. billi l-politika dwar iż-żgħażagħ għandha tiġi rikonoxxuta mhux biss bħala prijorità soċjali iżda wkoll bħala investiment strateġiku fil-kapital uman, fil-kompetittività u fir-reżiljenza ekonomika fit-tul tal-UE;

Or. en

Emenda 76
Niels Geuking, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bf (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bj. billi n-NEETs żgħażagħ, il-ġenituri żgħażagħ, b'mod partikolari l-ġenituri waħedhom u ż-żgħażagħ vulnerabbli jiffaċċjaw riskju ogħla ta' diffikultà psikoloġika u esklużjoni mis-suq tax-xogħol fit-tul;

Or. en

Emenda 77
Niels Geuking, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bg (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bg. billi s-saħħa u l-benesseri mentali huma essenzjali għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u jistgħu jissaħħu permezz ta' miżuri psikosoċjali preventivi u bikrija bħala parti mill-attivazzjoni, mingħajr ma tiġi affettwata r-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-kura tas-saħħa;

Or. en

Emenda 78
Niels Geuking, Romana Tomc, Miriam Lexmann, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bh (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

Bh. billi l-awtomatizzazzjoni u l-IA qed isawru mill-ġdid is-swieq tax-xogħol, bir-riskju li ż-żgħażagħ mingħajr ħiliet bażiċi fl-IA jiġu esklużi; billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ trid tindirizza din is-sitwazzjoni b'mod proattiv biex tiżgura l-impjegabbiltà tagħhom; u billi l-IA tista' tgħin biex jingħelbu l-ostakli (għall-apprendiment) (permezz ta' teknoloġiji assistivi), jekk iż-żgħażagħ jiksbu litteriżmu diġitali u ħiliet bażiċi fl-IA kmieni;

Or. en

Emenda 79
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bi (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bi. billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ hija bbażata fuq prinċipju ta' obbligu reċiproku, li skontu ż-żgħażagħ mhux biss għandhom id-dritt għal offerta ta' kwalità għolja iżda wkoll id-dmir li jipparteċipaw b'mod attiv u jaċċettaw opportunitajiet raġonevoli ta' impjieg, taħriġ jew edukazzjoni;

Or. en

Emenda 80
Niels Geuking, Romana Tomc, Liesbet Sommen, Maravillas Abadía Jover, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bj (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bj. billi l-Istati Membri jridu għalhekk jiżguraw li, f'każijiet ta' rifjut ripetut u mhux ġustifikat ta' offerti raġonevoli,

jistgħu jiġu applikati miżuri xierqa f'konformità mal-liġi nazzjonali biex tiġi evitata l-passività u tiġi promossa r-responsabbiltà personali taż-żgħażagħ;

Or. en